MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 1304/2007

**Fl-Atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1816/07 fl-ismijiet: -**

**Rajeah Kumar Saraiya, passaport indjan numru G5599925 ghan-nom u in rapprezentanza ta' Ultratest System Ltd. kumpanija registrata l-Ingilterra li ghandha numru 4113211.**

**vs**

**Monet Limited (C25290) u Peter Mamo (ID 76950 M) u martu Marthese Mamo (ID 5693590M) ghal kull interess li jista' jkollha u Semion Aksendler, ghandu passaport Israelit numru 8924112 u passaport Ukrain numru AC780597.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Mr. Peter Mamo f’ismu proprju datat 12 ta’ Dicembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi b’rikors ipprezentat minn Rajeah Kumar Saraiya, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Ultratest Systems Ltd. intlaqghet it-talba sabiex jinhareg mandat ta’ sekwestru fil-konfront tar-rikorrent sekwestrat f’ismu proprju in kawtela tas-somma ta’ mitejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm220,000 = €512,462.15) u bil-kawzali “ammont ikkalkolat *ai fini* ta’ dan il-mandat bhala danni sofferti mis-socjeta` sekwestranti in segwitu ghall-atti frawdolenti maghmula kontra l-istess socjeta` mis-socjeta` sekwestrata u mid-Direttur tal-istess socjeta` sekwestrata Peter Mamo kif ukoll mis-sekwestrat l-iehor Semion Aksendler”;

Illi in segwitu ta’ dan il-mandat gew sekwestrati, ingustament u bla ebda fundament fattwali u legali, il-kontijiet bankarji personali tar-rikorrenti sekwestrat *oltre* dawk tas-socjeta` sekwestrata Monet Limited;

Illi r-rikorrent sekwestrat jissottometti bir-rispett illi ma jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi biex il-mandat odjern jibqa’ fis-sehh u ghaldaqstant qed jintavola dan ir-rikors *ai termini* ta’ **artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**, ghall-hrug ta’ revoka tal-mandat imsemmi;

Illi *in primis* ir-rikorrent sekwestrat jirrileva illi l-hrug tal-mandat ta’ sekwestru li tieghu qed tintalab ir-revoka hareg bhala reazzjoni ghal zewg kawzi li nfethu f’ Kiev l-Ukraina fil-11 ta’ Ottubru 2007 mis-socjeta` **Monet Limited kontra s-socjeta` Ultratest System** fejn Monet Limited talbet lill-Onorabbli Qorti tiddikjara lis-socjeta` Ultratest System Ltd. debitrici fl-ammont ta’ approssimament sitt miljun dollaru komplessivament u dan *ai termini* tal-*letter of guarantee* illi s-socjeta` Ultratest System Ltd. ghamlet a favur is-socjeta` sekwestrata.

Illi r-rikorrent sekwestru jissottometti bir-rispett illi ma jezistux l-elementi rikjesti mil-ligi biex il-mandat odjern jibqa’ fis-sehh u dan ghar-ragunijiet segwenti.

**1. <u>Li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-mandat m'ghadhiex fil-fatt tezisti (artikolu 836(1)(b)) u li fic-cirkustanzi m'huwiex ragonevoli illi l-mandat jinzamm fis-sehh jew li huwa gustifikabbli (artikolu 836(1)(f)</u>**

Illi wiehed mir-rekwiziti li l-ligi procedurali titlob sabiex jinzamm *in vigore* Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju huwa illi *ai termini* ta' **artikolu 831 (2)** il-Qorti ghandha tkun sodisfatta illi *prima facie* s-socjeta` sekwestranti ghandha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat.

Illi s-socjeta` sekwestranti fil-kawzali tal-mandat tghid illi in kwantu ghas-somma ta' mitejn u ghoxrin elf lira Maltin (Lm220,000 = €512.462.15) dawn huma dovuti bhala danni sofferti mis-socjeta` sekwestranti in segwitu ta' "l-atti frawdolenti maghmula kontra l-istess socjeta` mis-socjeta` sekwestrata u mid-Direttur tal-istess socjeta` sekwestrata Peter Mamo kif ukoll mis-sekwestrat l-iehor Semion Aksendler liema atti frawdolenti jikkonsistu fil-falsifikazzjoni tal-firma tad-Direttur tas-socjeta` sekwestranti fuq zewg dokumenti kummercjali u cioe` *guarantee letter* datata 15 ta' Novembru 2001 u minuti ta' *meeting* tal-Bord tad-Diretturi ta' Ultratest Systems Limited tal-15 ta' Novembru 2001 bir-rizultat ta' liema firem foloz u frawdolenti ssekwestrati fethu proceduri legali kontra s-socjeta` sekwestranti fejn talbet il-hlas ta' *circa* sitt miljuni u nofs Dollari Amerikani, liema somma hi wahda fittizja u ivvintata u certament mhux dovuta ghar-ragunijiet fuq indikati";

Illi fil-kawzali s-socjeta` sekwestranti donnha qieghda timplika illi l-pretensjoni tad-danni sofferti hija a bazi u in konsegwenza ta' l-atti frawdolenti tad-direttur tas-socjeta` Monet Limited u ta' Semion Aksendler;

Illi sabiex tigi accettata l-pretensjoni tas-socjeta` ezekutanti l-ewwel irid jigi ppruvat illi l-atti frawdolenti kienu kkawzati mis-socjeta` Monet Ltd. u/jew mid-direttur u/jew minn Simon Aksendler, liema prova ma ngabitx;

Illi r-rikorrent sekwestrat f’ dan ir-rigward jirrileva illi *oltre* ghall-fatt illi l-falsita` u l-frodi allegata mis-socjeta` sekwestranti hija ghal kollox fittizja u ivvintata, u ghalhekk infondata fil-fatt u fid-dritt, din l-allegazzjoni li fuqha s-socjeta` sekwestranti qed tibbaza il-mandat odjern hija wahda generika u m’ hemmx *prima facie* pretensjoni u wisq anqas *prima facie* prova illi Peter Mamo kien b’ xi mod responsabbli ghall-allegati atti frawdolenti;

Illi *inoltre* jigi rilevat illi r-rikorrenti sekwestrat qatt ma naqas b’ebda mod mill-obbligi tieghu bhala direttur tas-socjeta` sekwestrata;

Illi ghalhekk l-imsemmija allegazzjoni hija wahda minghajr bazi u prova, u m’ghamlu ntenzjonalment b’mod generiku tolqot lil min tolqot, sabiex tkun tista’ tintefa’, ingustament, htija fuq ir-rikorrent sekwestrat f’ ismu personali;

Illi *inoltre* r-rikorrent sekwestrat jirrileva illi s-socjeta` ezekutanti m’ ghandhiex pretensjoni lejh f’ ismu propju ghas-segwenti ragunijiet:

1. Id-dokument kummercjali u cioe` l-*guarantee letter* illi a bazi tieghu nhareg il-mandat ta’ sekwestru succitat inhareg mis-socjeta` sekwestranti a favur is-socjeta` sekwestranti u ghalhekk ir-rikorrent sekwestrat ma kienx involut personalment sahansitra lanqas biss kien prezenti meta nharget din l-ittra. Illi *inoltre* d-dokument kummercjali l-iehor, illi a bazi tieghu wkoll sar is-sekwestru succitat, jittratta f’minuti ta’ *meeting* tal-Board tad-Diretturi ta’ Ultarest Systems Limited, liema *meeting* r-rikorrent sekwestrat ma kienx prezenti ghalih, u liema dokument r-rikorrent sekwestrat sahansitra ma kienx jaf bl-ezistenza tieghu.

2. Ir-rikorrent sekwestrat qatt ma kellu u m’ghandu ebda relazzjoni giuridika ma-socjeta` sekwestranti u anqas m’ghandu jew ma kellu ebda nvolviment personali fi kwalsiasi transazzjoni kummercjali bejn is-socjeta` sekwestranti u s-socjeta` sekwestrata;

3. Kwalsiasi pretensjoni illi jista' jkollu s-socjeta` sekwestranti kontra r-rikorrent sekwestrat abbazi ta' l-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors ghandha tingieb permezz ta' azzjoni *ad hoc* skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta**, b'mod partikulari l-**artikoli 315 u 316**, liema jiddisponu illi tali responsabbilta` personali tista' tigi dikjarata <u>biss</u> waqt li kumpanija tkun fi process ta' stralc;

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubju illi l-mandat ghandu jigi revokat *ai termini* ta' **artikolu 836(1)(b) u (f);**

**2. <u>Illi l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* gustifkat jew hu eccessiv (l-artikolu 836(1)(d)</u>**

Illi raguni ohra li timmotiva l-prezentata ta' dan ir-rikors huwa li ma jirrizultax illi l-ammont mitlub huwa *prima facie* gustifikat u dan apparti illi l-ammont mitlub huwa minghajr dubju eccessiv;

Illi r-raguni ghalfejn ir-rikorrenti sekwestrat qieghed jirrileva li l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* gustifikat huma s-segwenti:

Ir-rikorrent sekwestrat jirrileva illi l-hrug tal-mandat ta' sekwestru li tieghu qed tintalab ir-revoka jidher li hareg bhala reazzjoni ghal zewg kawzi li nfethu mis-socjeta' Monet Limited kontra is-socjeta' Ultratest Systems Ltd. f'Kiev fil-11 ta' Ottubru 2007 fejn Monet Limited qed titlob lis-socjeta' Ultratest Systems Ltd. thallas l-ammont komplessivament ta' *circa* sitt miljun Dollaru Amerikan *ai termini* ta' *letter of guarantee* illi s-socjeta' Ultratest Systems Ltd. stess harget a favur is-socjeta` sekwestrata;

Illi ghalhekk l-unika riperkussjoni li tista' ssofri s-sekwestranti b'kawza ta' dan hija li tigi kundannata thallas dak li skond is-sekwestrata huma ammonti dovuti mis-socjeta` Ultratest Systems Limited kif ser jigi pruvat waqt l-imsemmija proceduri fl-Ukraina. Il-fatt li s-sekwestrata qed tikkawtela d-drittijiet taghha fil-ligi u tipprocedi kontra Ultratest Systems Limited zgur li ma jistax jigi meqjus *per se* li b'xi mod qed jilledi illegalment lis-sekwestranti. Anqas

tista’ is-sekwestranti jkollha xi pretensjoni ghall-danni minhabba dan l-agir perfettament legali tas-socjeta' sekwestrata permezz ta' l-imsemmija proceduri legali gewwa l-Ukraina peress illi dawn ghadhom jinsabu *sub-giudice* u li allura r-riperkussjonijiet taghhom anqas ghadhom maghrufa. *Dunque* kwalsijasi dannu li s-socjeta` sekwestranti tista’ *dato ma non concesso* issofri bhala konsegwenza ta' l-istess proceduri, sikurament ghadhom ma gewx sofferti;

Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' sekwestranti kif dedotti fil-mandat ta' sekwestru jistghu certament jittressqu bhala argumenti parti mid-difiza taghha waqt is-smigh tal-proceduri fuq imsemmija sabiex jigu analizzati mill-Qorti Ukraina li hija l-unika Qorti kompetenti li tissindaka fuq il-materja, u *dunque* mhux bhala azzjoni separata quddiem din l-Onorabbli Qorti li fl-umli opinjoni tar-rikorrent sekwestrat mhix kompetenti tisma’ u tiggudika dwar dan il-kaz;

Dan *oltre* l-fatt li kif gie rilevat aktar 'l fuq ir-rikorrent sekwestrat m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' sekwestranti u anqas m'ghandu jew ma kellu ebda involviment personali fi kwalsiasi relazzjoni guridika jew kummercjali li tezisti bejn is-socjeta' sekwestranti u s-socjeta' sekwestrata;

Illi *inoltre* r-rikorrent sekwestrat ma jistax jlfhem fuq liema bazi s-socjeta' ezekutanti qieghda titlob id-danni u *inoltre* kif waslet ghas-somma pretiza ta' mitejn u ghoxrin elf lira Maltni (Lm220,000 =€512,462.15) allegatament dovut bhala danni. *Stante* illi s-socjeta' ezekutanti naqset milli tidentifika x'danni qieghda ssofri u iktar u iktar lanqas identifikat fuq liema dritt qieghda titlob id-danni. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' ezekutanti tant huwa wiehed esagerat u maghmul b'mod azzardat illi s-socjeta' ezekutanti lanqas indenjat ruhha tghid kif waslet biex tikkwantifika u tikkomputa d-danni;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet in applikazzjoni ta' l-**artikolu 836(1)(d),** l-imsemmi mandat kawtelatorju ghandu jigi revokat;

**3. <u>Tezisti garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni 836(1) (c).</u>**

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent sekwestrat ghandu assi adegwati sabiex ikopru l-pretensjonijiet tas-socjeta` intimata ezekutanti, u ghalhekk ghal kull *buon fini* t-talba tal-hrug tal-mandat m'hija bla ebda mod gustifikata skond il-ligi;

Illi minhabba l-hrug tal-mandat ta' sekwestru b'konsegwenza diretta tal-hrug tieghu, ir-rikorrent sekwestrat garrab u qieghed igarrab ta' kuljum dannu konsiderevoli minhabba li l-mandat odjern kellu impatt negattiv fuq il-professjoni tieghu kif ukoll fuq il-hajja personali u familjari tieghu. Illi danni jinkludu:

- Hsara kbira u sahansitra elevata lill-attivita' ekonomika tar-rikorrent sekwestrat *stante* illi jinsab effettivament mizmum milli jopera permezz tal-mandat odjern kontra tieghu; illi l-mandat odjern iffriza l-introjtu tieghu u qieghed sahansitra jippregudika l-attivita' ekonomika tieghu;

- Hsara kbira u sahansitra elevata lill-professjoni tar-rikorrent sekwestrat, bhala direttur f'kumpanija awtorizzata bhala *trustee, stante* illi ma jistax ikompli jamministra socjetajiet ohra;

- Danni sofferti mill-familjari ta' Peter Mauro, *stante* illi l-kontijiet bankarji tieghu u tal-mara gew iffrizati u ghalhekk ma jistax ikompli l-hajja familjari tieghu, tant illi ma jistax anqas ihallas kontijiet tad-dawl u biex imantni lill-mara u littfal tieghu-,

- Hsara kbira u rrimedjabbli lir-reputazzjoni professjonali u personali tas-Sur Peter Mamo.

Illi ghalhekk il-hrug tal-mandat odjern sakemm jibqa' *in vigore* qieghed iwegga' lir-rikorrent sekwestrat u lill-familjari tieghu;

Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost s-socjeta' ezekutanti naqqset milli titlob lir-rikorrent sekwestrat jew lis-socjeta` sekwestrata sabiex jersqu ghallikwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni hmistax- il jum qabel ma gie pprezentat il-mandat ta' sekwestru, u ghalhekk ghandhom jigu applikati s-sanzjonijiet applikabbli fl-**artikolu 836(8);**

Illi l-mandat odjern sar in *mala fede* u biss b'intenzjoni merament spekulattiva u ghaldaqstant manifestament malizzjuza, frivola u vessatorja u dan bi ksur ta' l-**artikolu 836(8)(d)** ta' l-Istess Kapitlu. Illi jidher illi s-socjeta` ezekutanti inqdiet bil-proceduri odjerni bhala reazzjoni ghall-kawzi li saru minn Monet Limited kontra taghha fl-Ukraina, u ghalhekk qieghda tabbuza bis-sistema legali Maltija sabiex taghmel pressjoni illecita fuq is-socjeta' sekwestrata u fuq id-direttur taghha fost l-ohrajn;

Ghalhekk f'kaz illi din l-Qorti ma tordnax it-tnehhija tal-mandat odjern, is-socjeta' intimata ghandha tigi ordnata sabiex taghmel garanzija xierqa u opportuna ghad-danni u spejjez eventwali illi tista' ssofri l-espo0nenti bhala rizultat tal-mandat odjern;

**<u>Konkluzjoni</u>**

Ghaldaqstant *ai termini* tal-suespost, ir-rikorrent sekwestranti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1816/07 ghal kollox *stante* li jmur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 836(1)(b)(c)(d)** u **(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**; u

2. Tordna u tikkundanna lis-socjeta` sekwestru sabiex thallas penali ta' bejn Lm500 (€1,164.69) u Lm3,000 (€6,988.12) *ai termini* ta' l-**artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12**, apparti d-danni kif kontemplati fis-**subartikolu disgha (9) ta' l-artikolu 836 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili** li qed jigu espressament riservati, u

3. Fin-nuqqas tar-revoka tal-mandat, tordna u tikkundanna lis-socjeta` sekwestranti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti tipprovdi garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali, danni u imghax u dan skond kif kontemplat fl-**artikolu 838A** ta' l-istess Kodiici, u fin-nuqqas li tnehhi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq esposti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-seduta tat-22 ta' Jannar 2008.

Rat il-verbali tas- seduta tal-25 ta' Gunju 2008 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Peralta obbilga ruhu li jesebixxi kopja tal-Mandat ta' Sekwestru u jindika wkoll l-ammont li effettivment gie sekwestrat bil-Mandat ta' Sekwestru. Dr. Grima ddikjara li l-mandat fl-Ukraina llum m'ghadux *in vigore* u ghandu jesebixxi d-dokumenti relattivi. Peter Mamo prezenti fl-Awla ddikjara li kemm hu u kemm il-mara tieghu m'ghandhom l-ebda ishma u nteress fil-kumpanija izda li huwa direttur tal-kumpanija *stante* li hu direttur tat-*trustee company* kif awtorizzata mill-MFSA. Fuq mistoqsija tal-Qorti, Dr. Peralta kkonferma li sabiex is-socjeta` Monet Ltd. ipprocediet fl-Ukraina, id-decizjoni ttiehdet minn Peter Mamo. In-*nominee* Company jisimha Mamo Pace & Associates Limited. Xehed Peter Mamo. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kaz gie differita ghall-provediment finali ghat-30 ta' Ottubru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta li s-socjeta' Ultratest Systems Ltd pprezentat sekwestru *inter alia* kontra r-rikorrenti Peter Mamo ghall-ammont ta' Lm220,000 (€512,462.15) rapprezentanti danni li allegatament soffriet l-istess socjeta' minhabba att frawdolenti kommessi kontra taghha mis-socjeta' Monet Ltd, mill-istess rikorrenti u Semion Aksendler, u dan peress li l-istess socjeta' qed tallega li s-socjeta' Monet Limited agixxiet kontra taghha permezz ta' proceduri legali fl-Ukranja inkluz mandat ta' inibizzjoni fl-ammont ta' disa' miljun dollaru amerikan fejn giet inibita milli tissellef jew tbiegh il-proprjeta' taghha, u dan kollu kemm huwa kien ibbazat fuq zewg dokumenti konsistenti f'minuti tal-Meeting tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' Ultratest Limited u *letter of guarantee* datati t-tnejn 15 ta' Novembru 2001, fejn qed jigi allegat li s-socjeta' llum intimata ghandha taghti lis-socjeta' Monet Ltd l-ammont ta' seba' miljun dollaru amerikan.

Illi l-istess socjeta' Ultratest Systems Ltd qed tghid li kemm dam *in vigore* l-istess mandat ta' inibizzjoni hija soffriet danni fl-ammont indikat fl-istess mandat u dan peress li hija ma setghatx tinnegozja kif kienet qabel minhabba s-sekwestru tal-proprjeta' taghha tant li t-*turnover* taghha nizel sostanzjalment u soffriet danni kif indikat fid-Dok. "D" anness man-nota responsiva tal-istess socjeta' intimata fil-proceduri odjerni.

Illi l-istess socjeta' Ultratest Systems Ltd isostni li l-vantazzjonijiet tas-socjeta' Monet Limited kienu ibbazati fuq zewg dokumenti datati 15 ta' Novembru 2001 (fol. 73 u 76, 77) u fejn il-firma ta' Rajeah Kumar Saraiya kienet gie falsifikata u bhala prova ta' dan hemm rapporti li saru mill-espert Martin Bajada datati 24 ta' Jannar 2008, 3 ta' Dicembru 2007 u 22 ta' Jannar 2008 u minn Z.O. Kovalchuk (fol. 120) u fil-fatt dwar dawn l-allegazzjonijiet l-istess socjeta' pprezentat kawza proprju kontra l-istess socjeta' Monet Limited, l-istess rikorrenti odjern Peter Mamo u Semion Aksendler.

Illi minn naha tieghu r-rikorrenti odjern qed isostni li tali mandat fil-konfront tieghu ghandu jigi revokat peress li l-istess socjeta' sekwestranti ma ghandha ebda pretensjoni

tad-dritt kontra tieghu u dan ghaliex l-istess rikorrenti ma ghandu ebda relazzjoni mas-socjeta’ Ultratest Systems Ltd u li huwa ma kien responsabbli ghall-ebda att ta’ frodi.

Illi huwa ormai stabbilit li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ *‘prima facie’*, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *‘si tratta’* dejjem ta’ procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja (**“Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Equipment Ltd”** – P.A. (RCP) – 5 ta’ Gunju 2007).

Illi tenut kont tal-fatt li l-istess rikorrenti huwa direttur tal-kumpanija, anke ghaliex huwa wkoll direttur ta’ *trustee company* Mamo Pace & Associates Limited li tiehu hsieb l-azzjonijiet tal-istess socjeta’ Monet Limited, u fil-fatt kien huwa li ha struzzjonijiet minghand l-azzjonista tal-kumpanija Semion Aksendler sabiex jittiehdu l-proceduri kontra Ultratest Systems Ltd fl-Ukranja u dan ovvjament abbazi tad-dokumenti fuq indikati, dokumenti li qed jigi allegat li huma falsifikati, din il-Qorti thoss li gie ppruvat *prima facie* li l-istess socjeta’ sekwestranti ppruvat l-allegazzjonijiet taghha *prima facie* fil-konfront tar-rikorrenti odjern u dan peress li hemm allegazzjoni ta’ frodi fil-konfront tieghu wkoll peress li agixxa abbazi ta’ dokumenti li jidhru li gew falsifikati sabiex tigi vantagata l-kumpanija li huwa jirrapprezenta, u b’hekk in vista tal-principju *fraus omnia korrumpit* hemm bazi sabiex almenu fuq bazi ta’ *prima facie* tittiehed azzjoni kontra r-rikorrenti odjern – u dan apparti li dan jista’ jkun wkoll kaz ta’ *lifting of the corporate veil* tant li din il-Qorti thoss li abbazi tad-dokumenti esebiti jirrizulta li dan gie sostanzjalment ippruvat. Fil-fatt in-ness ta’ kazwalita’ bejn l-istess socjeta’ sekwestranti u l-intimat odjern tidher li hija spejgata fil-kawza pprezentata wkoll kontra l-intimat (fol. 21). B’hekk din il-Qorti thoss li hemm htiega sabiex il-mandat jibqa’ jezisti u wkoll huwa ragonevoli li l-istess mandat jibqa’ fis-sehh u b’hekk it-talba tar-rikorrenti odjern abbazi tal-**artikolu 836 (1) (b) u (f) tal-Kap 12** qed tigi michuda.

Illi dwar l-allegazzjoni da parte tar-rikorrenti li l-ammont ma huwiex *prima facie* gustifikat jew li huwa eccessiv skond id-disposizzjonijiet tal- **artikolu 836 (1) (d),** din lanqas tista' tigi accetata u dan peress li skond id-dokument a fol. 27 tal-process tali ammont jidher li huwa *prima facie* gustifikat.

Illi dwar l-allegazzjoni li r-rikorrenti odjern ghandu assi adegwati sabiex ikopru l-pretensjonijiet tas-socjeta' ezekutanti dan assolutament ma giex ippruvat f'dawn il-proceduri; anzi l-ammont li gie effettivament sekwestrat jammonta biss ghal cirka Lm13,000 (€30,281.85) u ghalhekk anke din is-sottomissjoni qed tigi rigettata minn din il-Qorti.

Illi dwar l-applikazzjoni tal-**artikolu 836 (8) tal-Kap 12,** din il-Qorti thoss li ma hemm ebda bazi sabiex tigi mposta penali fuq is-socjeta' sekwestranti u dan peress li ma gew ippruvati li jezistu l-ebda wiehed mill-elementi indikati fl-**artikolu 836 (8) (a)** sa **(d).**

Illi din il-Qorti thoss li kull ma ghamlet is-socjeta' sekwestranti huwa li agixxiet sabiex tipprotegi l-interessi taghha u ghalhekk ma hemmx lok lanqas ta' l-applikazzjoni tal- **artikolu 836 (9) tal-Kap 12.**

Illi fl-ahharnett din il-Qorti ma thossx li hemm bazi sabiex tigi provduta garanzija skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 838A tal-Kap 12,** iktar u iktar meta wiehed iqis li *prima facie* s-socjeta' sekwestranti ppruvat li ghandha bazi sabiex tagixxi ghall-ammont indikat kontra l-istess rikorrenti odjern, u meta minkejja l-att kawtelatorju premess, l-ammont effettivament sekwestrat huwa hafna inqas minn dak li qed jigi kawtelat. Jigi rilevat ukoll li jidher li l-istess socjeta' sekwestranti jidher li agixxiet biss sabiex tipproteggi d-dritt vantat minnha (**"Ramon u Catherine konjugi Mizzi vs SMEL Company Limited"** – P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2007).

Ghalhekk it-tabiet tar-rikorrenti qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' n-nota tas-socjeta' Ultratest Systems Limited datata 27 ta' Mejju 2008, **tichad it-talbiet tar-rikorrenti Peter Mamo** fir-rikors tieghu datat 12 ta' Dicembru 2007 peress li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Peter Mamo.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------